MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2002

Numru. 370/2001
Kawza Numru. 35

**Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Louis Farrugia bin George u Georgia nee Attard u imwieled fit-13 ta' Mejju 1947 u li joqghod Nru 11, Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Ghawdex.**

**Karta ta' l-Identita` Nru. 43847 (G)**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat gie mressaq quddiemha akkuzat talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Tritons Co. Limited u bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula

bis-sahha ta’ l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta’ taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja tat-taxxa ghaz-zminijiet ta’ taxxa li ntemmu fil-31 ta’ Mejju 2000 u fil-31 ta’ Awissu 2000, u dan bi ksur tal-artikoli 27(1) u 76( c ) ta’ l-Att Nru XXIII ta’ l-1998.

Il-Qorti kienet mitluba tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista’ jaghmel dan, liema zmien m’ghandux jeccedi tlett xhur, taht penali ta’ mhux inqas minn zewg liri u mhux iktar min ghaxar liri ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Semghet il-provi u l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 29(1) u 76(c) Att XXIII/1998;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u tobbligah jottempora ruhu fi zmien tlett xhur mil-lum fuq penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) multa kull jum fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------